MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 184/1986/1

**Joseph J. Engerer u Michael H. Pace bhala Diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rock Industrial Supplies (1982) Limited**

**Vs**

**John Debono;**
**U b' digriet ta' din il-Qorti moghti fl-20 ta' Ottubru 1989 gew kjamati in kawza Dun Gorg u Pio ahwa Schembri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 ta' Frar 1986 li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-28 ta’ Mejju 1985 l-atturi *nomine* bieghu lill-konvenut il-merkanzija kollha tas-socjeta` Rock Industrial Supplies (1982) Limited li tikkonsisti fost affarijiet ohra f’ boltijiet, skorfini, viti, ghodda, screw nuts, rocknuts, locknuts, electric assembly fasteners, body clips, blanking and wiring grommets, brass olives, blow-guns, grease-guns, spray guns, drain plugs, washers, split-pins, pop-rivets, glass and ceramic fuses, bonded seal washers, ‘O’-rings, woodruft keys, brass nuts, crocodile clips, exhaust clamps, terminal lugs, caravan plugs, caravan deodorizers cable ties, body screws, seat belt bolts, grease nipples, hose clips, PVC tape, high speed drills, petrol pipes, tools, hardware, assorted boxes of bolts and screws and other parts for the car industry skond inventarju (Ara Dok. A) illi sar mill-atturi *nomine* u l-konvenut flimkien bejn it-8 ta’ April 1985 u s-27 ta’ April, 1985 ghas-somma kumplessiva ta’ disat elef mitejn u tmenin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu u sitt millezmi (Lm9280.74,6) kif ukoll kwantita` ta’ mobbli u office equipment fosthom skrivaniji, xkaffar, racks, typewriter, trolleys, karretta tal-metal, sealer machines ghall-boroz tal-plastic, fridge u kittla ta’ l-eletriku ghall-prezz ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500);

Premess illi l-konvenut baqa’ ma hallasx lill-atturi *nomine* l-ebda parti minn din is-somma anke wara li gie nterpellat sabiex ihallas;

Premess illi d-debitu huwa cert; likwidu u dovut u illi fil-fehma ta’ l-atturi *nomine* l-konvenut m’ ghandux eccezzjonijiet x’ jaghti ghat-talba tal-hlas hawn taht imsemmija;

Premess illi l-atturi *nomine* qeghdin jannettu ma’ din ic-citazzjoni Affidavit skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dok. B);

Premess illi l-atturi *nomine* talbu li jinhargu Mandat ta’ Sekwestru u Mandat ta’ Qbid kontra l-konvenut sabiex il-kreditu taghhom jigi ikkawtelat;

Talbu l-atturi *nomine* ghar-ragunijiet premessi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *nomine* s-somma kumplessiva ta' ghaxart elef seba' mija u tmenin Lira Maltin erbgha u sebghin centezmu u sitt millezmi (Lm10780.74,6) dovuta minnu lilhom bhala prezz ta' merkanzija in kwantu ghal Lm9280.74,6 u ghall-mobbli u office equipment in kwantu ghal Lm1500;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Qbid ipprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Marzu 1986 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta' Marzu 1986 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi mhuwiex minnu li l-eccipjent xtara merkanzija, mobbli u office equipment minghand is-socjeta` attrici. L-eccipjent, flimkien ma' zewg persuni ohra, Dun Gorg Schembri u huh Pio Schembri, urew interess fil-kumpanija bhala "a going concern." Kemm l-istock-taking imsemmi fic-citazzjoni kif ukoll il-balance sheet gew ezaminati bl-iskop li l-esponent u l-ahwa Schembri jaraw il-qaghda finanzjarja li tinsab fiha l-imsemmija kumpanija. Meta l-eccipjent u l-ahwa Schembri raw li l-kumpanija ma kinitx qed tiffunzjona kif xtaqu u kif kienu tawhom x' jifhmu l-atturi *nomine*, l-eccipjent u l-ahwa Schembri ddecidew li ma tghoddx ghalihom. Ghalhekk il-mument tal-

konkluzzjoni tal-kuntratt ma kienx avvera ruhu. La kuntratt, la konvenju u lanqas ftehim ma ntlahaq, izda semplicement trattativi u indagini;

2. Illi jehtieg is-sejha fil-kawza ta' l-ahwa Dun Gorg Schembri u Pio Schembri;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta' April 1986 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Patrick Vella biex jisma' l-provi tal-partijiet; kif ukoll dak tat-30 ta' Novembru 1987 li permezz tieghu gie sostitwit l-imsemmi Assistant Gudizzjarju bl-avukat Dr. Paul Caruana Curran fl-istess inkarigu u bl-istess fakoltajiet;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza Dun Gorg u Pio ahwa Schembri pprezentata fit-18 ta' Dicembru 1990 illi fiha huma eccipew:-

1. Illi veru illi l-eccipjenti kienu thajru li jixtru l-merkanzija imsemmija u kienu marru mal-konvenut Debono ghand l-atturi *nomine* halli jarawha; kif hu wkoll veru illi wara diskors l-atturi *nomine* kienu rahsu l-prezz ghal sitt elef lira (Lm6,000) ghal kollox pero` fid-diskors li kellhom ma' l-atturi *nomine* u mal-konvenut qatt ma obbligaw ruhhom li jixtru la bil-kliem u l-anqas bil-kitba. In fatti raw li ma kienx hemm serjeta fin-negozju u mhux talli ma thajrux jixtru huma izda wissew lill-konvenut Debono biex joqghod attent x' kien ser jaghmel;

2. Illi ghalhekk m'ghandhomx x' jaqsmu xejn ma din it-transazzjoni ghaliex kull ma sar kien tentattiv u investigazzjoni halli jaraw it-transazzjoni setghatx issir u li bhalma diga` ntqal la qatt saret offerta da parti taghhom u qatt ma accettaw offerti minghand haddiehor biex tinxtara l-merkanzija in kwistjoni;

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kjamati fil-kawza u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut John Debono tat-2 ta' April 1992 li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli stante li l-effetti ta' l-allegat bejgh baqghu fil-pussess ta' l-istess atturi *nomine* u ma gewx depozitati taht l-awtorita tal-qorti skond il-ligi;

Salvi eccezjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku William Cassar Torregiani biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 315 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 1998;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Dak li jista' jitqies terren komuni bejn il-kontendenti f' din l-istanza hu li bejniethom saru tahdidiet dwar negozju rigwardanti *stock, goodwill* u materji ohra korrelatati tal-

kumpanija attrici. Mill-kumplament hemm nuqqas ta’ qbil dwar varji aspetti ta’ l-istess tahdidiet;

Il-kontendenti jikkontraducu lil xulxin dwar jekk:-

I. in-negozjati kienux jikkoncernaw materji specifici konsiderati singolarment jew l-akkwist tas-socjeta` attrici bhala “azjenda attivata” konsiderata “*quid unum*” ma’ l-i*stock*, accessorji, *trademark* u dak kollu komponenti ta’ l-istess socjeta`;

II. intlahaqx qbil ahhari dwar il-prezz taghhom;

u III. fuq kollox, jekk kienx konkordat illi kull ftehim verbali kellu jigi ridott ghal kitba permezz ta’ skrittura;

It-tezi attrici jidher li tikkampa ruhha fuq l-assunt illi kien hemm ftehim ta’ bejgh bejn il-partijiet relattiv ghall-i*stock*, tant li skond ix-xhud Joseph Engerer (fol. 29) dan l-i*stock* gie inventarjat, u ntlahaq akkordju dwar il-prezz tieghu. Jghid ukoll li l-konvenut accetta li jixtri l-*office equipment* u z-zewg *vans*. Inoltre, kif aggunt minn dan ix-xhud, gie milhuq ftehim verbali ukoll dwar il-*goodwill* u wara diskussjonijiet, sar qbil fit-<u>28 ta’ Mejju 1985</u> fuq prezz globali ta’ Lm18,000 ghall-i*stock, goodwill*, *office equipment* u *vans*. Huwa jzid jghid illi dwar il-*goodwill* kellha ssir skrittura privata li baqghet ma saritx (fol. 30). Fl-istess nifs l-istess xhud isostni illi l-ftehim kien li l-konvenut kellu jhallas Lm6000 *down payment* fuq kuntratt li kellu jsir fi zmien ftit granet, u, permezz ta’ kambjali, pagamenti ta’ Lm200 kull xahar bl-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%). Huwa rribadixxa illi “l-kuntratt li semmejt kien biss ghall-*goodwill*, u mhux ghall-affarijiet li taghhom qed nitlobu hlas fic-citazzjoni.” Ix-xhud imsemmi issokta jsostni din il-linja aktar tard fil-kors ta’ deposizzjonijiet ohra (ara fol. 216 u fol. 243 in partikolari);

Rinfaccjat bil-kopja ta’ l-iskrittura (fol. 141) ghall-ewwel jghid li din bla data (fol. 244 u fol. 248) u l-kontenut taghha kien “*guidelines*”, anke jekk jaccetta li din giet redatta mill-

avukat Dr. Riccardo Farrugia (fol. 264), presumibilment inkarigat mill-istess socjeta` attrici;

Minn naha tax-xhud Michael Pace (fol. 100) dan jghid li "*more or less*" kien intlahaq qbil fuq il-prezz ghalkemm jirrikonoxxi li dan kellu jigi aggustat skond l-i*stock taking*;

Invece kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamati in kawza jsostnu illi:-

i. it-tahdidiet kienu fil-fazi esplorattiva u kienu jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-kumpanija, kompriz il-*goodwill*. Skond Rev. Dun Gorg Schembri il-partijiet ma kienux ghadhom dahhlu fit-"*technicalities*" tal-"*business deal*". Dejjem skond dan ix-xhud ic-cifra ta' Lm6000 li ssemmiet kienet tkopri kollox;

ii. l-istess imsemmi xhud jghid li "ma ttiehdet l-ebda decizjoni li niehdu l-*business* b' dak il-prezz" (fol. 122) u skond il-konvenut, "fl-ebda stadju ma kkonkludejna negozju" (fol. 112). Anzi, jzid jghid li hu dejjem ghamilha cara ma' l-atturi illi "sakemm ikun hemm kuntratt bil-mitkub u ffirmat mit-tlieta li ahna, ma jkun hemm xejn konkjuz." (fol. 112);

iii. l-iskrittura esebita a fol. 141 qatt ma giet iffirmata minnhom;

Dawn fil-fehma tal-Qorti huma in succint il-provi l-aktar saljenti tal-vertenza bejn il-kontendenti. Huwa minnu li fil-kors tad-diversi deposizzjonijiet saru referenzi ghal kwalita` ta' l-i*stock*, l-iskoperta da parte tal-konvenut u tal-kjamat in kawza li s-socjeta` attrici kienet ilha ma tinnegozja mas-socjeta` distributrici *madre* fl-Ingilterra, l-ezistenza ta' l-*overdrafts* li kellha l-kumpanija attrici u materji ohra affini. Dawn huma pero` marginali ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni *de qua*;

In tema ta’ dritt huwa pacifiku illi “*la vendita` commerciale, come la vendita` civile, e` perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo, e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al mumento in cui segue la vendita ...*” (“**Giovanni Pace –vs- Michele Balbi**”, Qorti tal-Kummerc, 30 ta’ April 1907);

In linea ta’ principju ghalhekk ghal validita` ta’ bejgh dak li jghodd hu d-determinatezza ta’ l-oggett u l-ftehim fuq il-prezz (Artikolu 1347, 1353(1), Kodici Civili). Hi proprju din il-linja sostnuta mill-atturi *nomine*;

Fil-kaz prezenti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, filwaqt li ssostni l-principju legali appena affermat, ma taqbilx li l-kwestjoni tista’ tigi rizoluta semplicement fuq il-bazi ta’ dan l-istess principju;

Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

A. Apparti u indipendentement mid-difiza sostnuta mill-konvenut u mill-imsejha fil-kawza illi ma kienx hemm rabta kontrattwali, jirrizulta kjarament mill-provi illi l-partijiet ma kellhom qatt l-intenzjoni li jikkonsidraw il-varji aspetti tan-negozjati izolatament wahda mill-ohra. Dan hu bil-wisq evidenti, apparti kull kontestazzjoni tal-partijiet, mill-iskrittura redatta raffiguranti s-suppost ftehim milhuq;

B. Gjaladarba allura l-“ftehim” kien jinkorpora l-aspetti kollha dan kellu jitqies “*quid unum*” u “*tout ensemble*”. Ma kienx allura permess li s-socjeta` attrici tispigola l-parti li dehrilha hi minnu, biex tavvanza l-pretensjoni taghha dwarha;

C. In subjecta materja, mir-riflessjoni li tohrog minn din l-istess skrittura l-versjoni l-izjed konsistenti u certament l-izjed attinenti ghall-presumibbli volonta` tal-partijiet u tal-verita` sostanzjali hi dik moghtija mill-konvenut u mill-kjamati in kawza illi l-partijiet kienu qed jiddiskutu flimkien l-aspetti shah tan-negozjati;

Hemm imbaghad fattur iehor li jimmilita kontra s-socjeta` attrici. Anke jekk l-attur Joseph Engerer isostni illi kellha ssir skrittura limitatament ghall-fatt ta' l-avvjament, jirrizulta fil-fatt illi kien sar diskors illi kull ftehim verbali raggunt kellu jigi sostenut permezz ta' kitba. Dan hu hekk palezament evidenti mill-istess kontenut ta' l-iskrittura (fol. 141) li tiddettalja l-punti kollha sostanzjali tal-"ftehim";

Hi disposizzjoni espressa tal-ligi illi "jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-mitkub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`" (Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc);

Dan ifisser illi "qabel ma tigi iffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad illi l-ftehim hu perfett" ("**Neguzjant Joseph Stellini *nomine* –vs- Neguzjant Salvatore Debono**", Appell Kummercjali, 14 ta' Dicembru 1942, Vol. XXXI P I p 565);

Issokta jigi puntwalizzat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Vella Gatt *et* –vs- Giuseppe Darmanin *et***", Appell Kummercjali, 23 ta' Novembru 1956, Vol. XL P I p 572 illi l-artikolu suddett tal-Kodici tal-Kummerc "johloq presunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiza li ghandu jigi redatt bil-miktub, u l-iskrittura imbaghad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; ghax meta gie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub, hu prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita` tal-ftehim ghat-tharis ta' dik il-formalita`.";

Fiha ssokta jinghad, fuq it-taghlim awtorevoli tal-Vivante u tal-hsieb ricerkat mid-dibattiti parlamentari (Vol. 21 tas-sena 1932 – 33), illi "l-presunzjoni mhix *juris tantum* imma *juris et de jure*, u hija ntiza biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerc, u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi, b' mod li dik il-presunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali.";

Minn dak indott minn dawn ir-riflessjonijiet appena trattati din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni, mill-kumpless tal-provi akkolti, illi l-atturi *nomine* ma rnexxielhomx jipprovaw illi fil-kaz prezenti kien hemm ftehim, li dan il-ftehim kien bil-mod kif minnhom pretiz, u, f' kull kaz, li tali ftehim kien vestit minn dik il-formalita` li espressament aspiraw ghaliha l-partijiet.  Dan fis-sens ta' skrittura debitament sottoskritta mill-partijiet kollha ko-involti fit-tahdidiet u negozjati.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt fuq zvolti, it-talbiet attrici qed jigu michuda, bl-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati mill-atturi *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------